# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015

**Talba Nru: 237/15/VG**

**S&R (Handaq) Limited**

**Vs**

**JDS Limited u b'digriet datat 15 ta' April, 2015 giet kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-6 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn hames mija [€2,728] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-kumpanija intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' elfejn, hames mija u sbatax-il Euro u wiehed u tmenin centezmi (€2,517.81) dovutya skont l-istatement datat is-7 ta' Novembru, 2012 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok. A1. Dan l-ammont jirraprezenta prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mir-rikorrenti lill-intimata fuq ordni taghha stess.

Illi l-intimata giet interpellata kemm-il darba ghal hlas ta' dan l-ammont kemm bil-varji fatturi relattivi kif indikat fl-istatement anness bhala Dok A1 kif ukoll bl-istatement anness bhala Dok A1 u bl-ittra gudizzjarja numru 2750/13 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta [kopja annessa bhala Dok B]. Madanakollu, il-hlas dovut baqa ma sarx u ghadu dovut.

GHALDAQSTANT, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddeciedi u jiddikjara lill-intimata bhala debitrici tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elfejn, hames mija u sbatax-il Euro u wiehed u tmenin centezmi (€2,517.81), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta' elfejn, hames mija u sbatax-il Euro u wiehed u tmenin centezmi (€2,517.81) jew somma verjuri.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap.".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-8 ta' April, 2015 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Teccepixxi bir-rispett:

1. Preliminarjament, l-eccepjenti mhijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ir-relazzjoni guridika kienet bejn l-attrici u JDS Furniture Limited (C-15710).

2. F'kull kaz u b'mod preliminari wkoll, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, anke fil-konfront tas-socjeta JDS Furniture Limited, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Il-materjal supplit mill-attrici kien difettuz u inutilizzabbli u l-akkwirenti inkorriet spejjez ta' madwar €4,500 sabiex taghmel ix-xogholijiet remedjali kollha mehtiega. Jekk xejn, hija proprju l-attrici li ghandha thallas lill-imsemmija JDS Furniture Limited.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 15 ta' April, 2015 fejn d-difensur tas-socjeta rikorrenti talbet li tigi msejha fil-kawza s-socjeta JDS Furniture Limited, ghal liema talba ma kienx hemm opposizzjoni da parti tas-socjeta intimata JDS Limited u t-Tribunal laqa' t-talba.

Ra l-verbal datat 15 ta' April, 2015 fejn giet kjamata fil-kawza s-socjeta JDS Furniture Limited. John Sammut fil-kwalita tieghu ta' Direttur tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited ta ruhhu b'notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh u rrinunzja ghal kull terminu moghti lilu bil-ligi ghal prezentata tar-risposta. Dr. Alessandro Lia ddikjara li r-risposta tas-socjeta intimata JDS Limited ghandha tkun ukoll ir-risposta tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited.

Ra l-verbal datat 28 ta' April, 2015 fejn Dr. Alessandro Lia ghas-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza ddikkjara li ghal fini tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huma kienu ser jistriehu fuq il-provi esebiti in atti sallum u ddikjara li f'dan ir-rigward ma kienx fadallu aktar provi xi jressaq.

Ra l-verbal datat 28 ta' April, 2015 fejn Dr. Lia ghas-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza ddikjara li l-paragrafu applikabbli mill-artikolu 2148 tal-Kap. 16 huwa dak (b).

Ra l-verbal datat 21 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjetajiet intimati.

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni u ra n-nota ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' €2,517.81c rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha. Da parti taghha, s-socjeta intimata ecceppiet

b'mod preliminari li hija ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u talbet ghalhekk li hija tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Stqarret li r-relazzjoni guridika kienet bejn is-socjeta rikorrenti u JDS Furniture Limited (C-15710). Ziedet tghid li f'kull kaz, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili. Fil-mertu qalet li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, anki fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha. Dan peress li l-materjal supplit mis-socjeta rikorrenti kien difettuz u inutilizzabbli u l-akkwirenti inkorriet spejjez ta' madwar €4,500 sabiex taghmel ix-xogholijiet remedjali kollha mehtiega. Jekk xejn, kompliet tghid is-socjeta intimata, hija proprju s-socjeta rikorrenti li ghandha thallas lill-imsemmija JDS Furniture Limited. Fis-seduta tal-15 ta' April, 2015 gie dikjarat li r-risposta tas-socjeta intimata ghandha tapplika ghas-socjeta kjamata fil-kawza.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Din is-sentenza hija bis dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 imqanqal mis-socjeta intimata u minn dik kjamata fil-kawza.

3. Fattwalment, mill-atti tat-talba u mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizultaw is-segwenti:

   i. It-talba odjerna giet intavolata fl-24 ta' Marzu, 2015 u giet notifikata lis-socjeta intimata JDS Limited fl-1 ta' April, 2015.

   ii. Is-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited iddahlet f'dawn il-proceduri permezz ta' digriet datat 15 ta' April, 2015, f'liema data John Sammut fil-kwalita tieghu ta' Direttur tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited ta ruhhu b'notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh.

   iii. L-istatement esebiet mis-socjeta rikorrenti juri li l-fatturi li taghhom qieghed jintalab il-hlas f'dawn il-proceduri inhargu lis-socjeta intimata JDS Limited bejn il-31 ta' Ottubru, 2011 u d-19 ta' Dicembru, 2011.

   iv. Fil-15 ta' Novembru, 2013 is-socjeta rikorrenti ntavolat ittra ufficjali (ittra ufficjali numru 2752/13) a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kontra s-socjeta intimata, fejn talbet il-hlas ta' l-ammont reklamat

f'dawn il-proceduri, liema ittra ufficjali giet notifikata l-ghaliex fil-11 ta' Dicembru, 2013 giet intavolata nota ta' kontestazzjoni mis-socjeta intimata.

v. **Gregory Brincat**, *general manager* tas-socjeta rikorrenti qal li qabel l-2011 is-socjeta rikorrenti kienet tinnegozja mas-socjeta intimata. Wara dan in-negozju waqaf u regghu bdew jinnegozzjaw fl-2011. Qal li l-partijiet kienu qablu li "*jinfetah kont, johorgu l-fatturi on account, u jibdew jithallsu wara tletin (30) gurnata wara kull data ta' fattura*" (fol. 19). Qal li s-socjeta minnu rappresentata timmanifattura l-lostru u imbaghad tbieghu lil mastrudaxxi bhal ma huma s-socjetajiet intimati. Qal li "*John Sammut* (id-direttur tas-socjeta intimata u tas-socjeta kjamata fil-kawza) *qatt ma cahad li ghandu jaghti dan l-ammont*" (fol. 20). Kompla jghid li huwa kien kellem lil John Sammut biex jhallas l-ammont dovut peress li kienu qabzu xahrejn u skond ix-xhud, dan John Sammut kien qallu li "*kien qed jistenna pagament minghand tas-Sea Bank u li dan ma kienx hallsu u li kif appena jircievi c-cekk huwa kien ser jghaddili l-pagament*" (fol. 20). Zied ighid li huwa kien baqa jkompli jsus ghal dan il-pagament sa zmien sena mill-ahhar fattura. Sussegwentement, meta huwa baqa ma rcieva l-ebda pagament, huwa kien reggha kellem lil Sammut u qallu li ma kien ghad fadallu l-ebda triq ohra ghajr li jfittxu. Meta qallu dan il-kliem, kompla jghid ix-xhud, Sammut wiegbu u qallu li kien ser ifittxu ghal lostru hazin. Qal li din kienet l-ewwel darba li kien sema dwar il-kwistjoni tal-lostru u li l-lostru kollu li kien gie konsenjat mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata kien l-istess ghajr ghal dak indikat fuq il-fattura bin-numru 19274 u li ggib id-data tat-30 ta' Novembru, 2011. Wara Dicembru, 2011, il-partijiet ma baqghux juzaw l-istess arrangament ghar-rigward tan-negozju taghhom izda bdew juzaw cash on delivery. Il-lostru li kienet qeghda tixtri s-socjeta intimata wara Dicembru, 2011, kompla jghid ix-xhud, kien differenti minn dak li kien gie kkonsenjat qabel.

In kontro-ezami, huwa qal li huwa kien kellem lil John Sammut fil-bidu ta' din is-sena biex ihallas l-ammont dovut u li dan kien qallu biex ikellem lil ibnu dwaru. Wara din id-diskursata infethu dawn il-proceduri. Ix-xhud qal ukoll li "*sa Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) jiena kont ghadni qed inkellem lil intimat li dejjem kien jghidli ... korrezzjoni ... mhux lill-intimat izda lil John Sammut li huwa r-rapprezentant tas-socjetajiet intimati li dejjem kien jghidli illi kien ser ihallasni meta thallas is-Sea Bank*" (fol. 21). Sahaq li "*l-uniku darba li*

*John Sammut lili qatt qalli illi l-lostru kien hazin kien l-ahhar darba li mort inkellmu wicc imb'wicc u cioe ghal habta ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) u –ghaliex il-bqija qatt qabel ma kien qalli illi kien hemm xi problemi fuq il-lostru*" (fol. 21).

vi. **John Sammut**, fuq mistoqsija tat-Tribunal qal li huwa kien semma l-kwistjoni tas-Sea Bank u li din kienet ghadha ma hallsitux mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Zied ighid li "*pero x-xoghol illi hadna ahna ma kellu x'jaqsam xejn mas-Sea Bank*" (fol. 23). Qal li Gregory Brincat kien jitolbu ghall-hlas izda huwa kien jghidlu li huwa kien ihallsu hekk kif appena jsolvi l-problemi li kellu mal-klijenti minhabba l-lostru. Dan id-diskors kien sar fl-2012 pero zgur li ma kienx sena wara li kienet giet ikkonsenjata l-merkanzija mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata. Qal li huwa xtara xi stain fl-2015 u mhux lostru. Qal li qatt ma reggha xtara lostru minghandu. Kienu jixtru ukoll xi parts tal-pompi taghhom u dan peress li s-socjeta rikorrenti kienet l-agent taghhom u ghalhekk ma setghu jixtruhom minn imkien izjed.

vii. Id-*delivery notes* ipprezentati mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 huma kollha iffirmati ghajr ghal dik bin-numru IVQ0366 li tirreferi ghall-fattura numru 9401.

4. L-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

5. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk l-artikolu citat mis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza huwiex applikabbli ghal kaz odjern. L-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 jwaqqa l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra simili, mibjugha bl-imnut. Fil-gurisprudenza taghna nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, filwaqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkomercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur – dak li jfisser illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti

fir-rivendita f'partiti zghar ta' merci jew derrati li tal-hanut ("bottegaio") jew minutant jixtri minn ghand negozjant[1].

6. Il-ligi taghna, kif diga rajna, tuza l-kliem 'ta' kredituri' u mhux il-kliem 'ta' kummercjanti'; u ma tuzax il-kelma 'merci' biss, kif f'xi ligi barranija, per ezempju t-taljana, imma zzid ukoll il-kliem 'oggetti jew hwejjeg ohra mobbli'; u ma tuzax il-kliem 'mibjugha lil persuni li ma jezercitawx il-kummerc'; imma tuza l-kelma 'bl-imnut', li mhix uzata fil-ligi taljana; u allura, skond il-ligi taghna, wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita tal-hwejjeg fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss[2].

7. Peress li l-ligi taghna tuza l-kelma 'bl-imnut', jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta' konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. L-espressjoni 'bl-imnut' talludi bilfors ghal hwejjeg zghar; u dan, li l-haga tkun ta' entita zghira, kien il-motiv li gieghel lil-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kredtu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar[3].

8. Issa f'dan il-kaz, il-bejgh, fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi kunsidrat bhala wiehed ta' haga zghira ta' konsum gjornalier u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Il-bejgh f'dan il-kaz kien ta' thinner u lostru mis-socjeta rikorrenti lil intimati b'mod frekwenti kif jirrizulta mill-istatement u fatturi esebiti u ghalhekk kif diga nghad, ma jistax jitqies bhala xi haga zghira ta' konsum ta' kuljum. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza qeghda tigi michuda ghax ma hijiex applikabbli ghal kaz odjern. Maghdud dan, it-Tribunal huwa tal-fehma ukoll li anke a bazi tad-*delivery notes* esebiti mis-socjeta rikorrenti, liema *delivery notes* kienu gew debitament accettati mis-socjeta intimata ghandu japplika d-dispositiv ta' l-artikolu 2151 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:

---

[1] **Grazio Debattista vs Nichele Galea** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-23 ta' Mejju, 1961 per Onor. Imhallef T. Gouder;

[2] Ibid.

[3] Ibid.

*"(1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hem kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor.*

*(2) Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni".*

Qed jinghad dan l-ghaliex l-intimata kienet accettat il-kont mibghut mis-socjeta rikorrenti meta hija kienet iffirmat id-delivery notes relattivi. Fuq dawn id-delivery notes kien hemm indikat l-ammont dovut. Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Ciantar vs Hotels Administration Limited**[4] inghad li biex it-terminu qasir imsemmi fl-artikoli 2147 sa 2150 tal-Kap. 16 jigi trasformat ghall-perjodu ta' hames snin jehtieg li jkun hemm approvazzjoni, anki implicita, tal-intimat. Inghad fis-sentenza **Raymond Camilleri noe vs Anthony Scicluna pro et noe,** li "*Din id-disposizzjoni effettivament tipprovdi illi fejn il-kreditu ghal xoghlijiet jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief b' gheluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni*[5]". Kompliet tghid il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz hawn imsemmi li "*fid-dritt Ruman jidher li accettazzjoni u rikonoxximent bhal dan jittraduci ruhu fl-azzjoni denominata "actio constitutae poecuniae", fundata fuq il-patt ("constitutum") li bih wiehed jobbliga ruhu li jhallas dak li ghandu jhallas hu jew haddiehor, bi kwalunkwe titolu, anke fejn l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun incert. Jghid il-**Pothier** illi "per contrarre il costituto bisogna che le parti siano d' accordo*[6]*". Riportat ghal kaz de quo huwa innegabbli illi bil-fatt tal-hrug tac-cheque, anke jekk dan baqa' ghal ragunijiet ohra, ma ssarrafx, dan kien jammonta ghal manifestazzjoni*

---

[4] deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fl-20 ta' Ottubru, 2003 (App. Nru. 855/2002/1) per Imhallef Ph. Sciberras;

[5] ara f'dan ir-rigward **Raymond Camilleri noe vs Anthony Scicluna pro et noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jananr, 2004 (Cit. Nru. 1865/1996/1) per Imhallef Ph. Sciberras;

[6] ara fuq dan il-punt id-decizjoni fl-ismijiet: **Alfredo Borg vs Carmelo Brincat et** deċiża mill-Prim' Awla nhar il-5 ta' Gunju, 1959 [Kollez. Vol. Nru. XLIII/ii744];

*cara ta' konvenzjoni vera u proprja li biha l-konvenut proprio et nomine kien qed jistqarr li huwa debitur versu s-socjeta` attrici, f' liema kaz issir applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali*[7]".

9. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

   L-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari ghandhom jigu sopportati kollha mill-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**

[7] **Negoziante Joseph Portelli vs Giuseppa Vassallo et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 1947 [Kollez. Vol. Nru. XXXIII/i/142];